# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 36

"Ommu (omm Ġesù[as])
kienet mara ġusta u sewwa."



Is-Solidarjetà | Simpatija lejn l-Umanità | L-Imġiba Eżemplari | Marija[as] fil-Koran

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# IS-SOLIDARJETÀ

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Fil-Punent ix-xahar ta' Diċembru huwa magħruf b'mod partikolari bħala x-xahar taċ-ċelebrazzjonijiet u s-solidarjetà. Tul dan ix-xahar l-Insara jiċċelebraw il-Milied. Kull sena f'Malta l-għada tal-Milied tittella' kampanja għall-karità magħrufa bħala *'L-Istrina'*. Matul dan ix-xahar in-nies jixtru ħafna affarijiet ġodda għalihom u għall-maħbubin tagħhom. Ħafna rigali jitqassmu wkoll bejn il-qraba, il-ħbieb u l-kollegi. Jiġu organizzati wkoll ħafna ikliet u festini. Huwa importanti ħafna li niftakru wkoll f'dawk li huma inqas ixxurtjati minna u nuru ġenerożità u solidarjetà magħhom. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Il-bniedem ġeneruż huwa qrib ta' Alla l-Għoli, qrib tan-nies, qrib tal-Ġenna u mbiegħed min-Nar. Ix-xħiħ huwa mbiegħed minn Alla, imbiegħed min-nies, imbiegħed mill-Ġenna, u qrib tan-Nar. Il-bniedem bla tagħlim li huwa ġeneruż huwa egħżeż għal Alla minn dak li jqim lil Alla iżda huwa xħiħ."**

Ejja nkunu ġenerużi u nuru solidarjetà ma' dawk fil-bżonn tul dawn il-jiem ta' festi.

**ID-DAWL**

Diċembru 2020 – Numru 36 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Solidarity | 02 |
| Sympathy for Humanity | 03 |
| The Exemplary Behavior | 04 |
| Mary[as] in the Holy Quran | 05 |
| The company of the pious | 08 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Noprati Somchit | Shutterstock

# SIMPATIJA LEJN L-UMANITÀ

Il-Messija Mwiegħed[as] jiddikjara: "Il-qagħda tiegħi hija dik li waqt li nkun qed nitlob u xi ħadd iweġġa' u l-ilfiq tiegħu jasal għal widnejja, jiena nħoss li għandi mmur ngħin u nuri s-simpatija tiegħi kemm niflaħ, anki jekk ikolli nwaqqaf it-talb tiegħi.

**Huwa kontra l-prinċipji tal-moralità jekk wieħed ma jmurx jgħin lil xi ħadd li jinsab muġugħ u fil-periklu. Jekk ma tistax tgħin, għall-inqas itlob għalihom.** Barra n-nies tagħna, ngħid ukoll li wieħed għandu juri l-istess eżempju ta' moralità u simpatija mal-Induwisti u oħrajn. Wieħed m'għandux ikollu natural egoist.




Darba waħda, kont sejjer nippassiġġa. Raġel ieħor jismu Abdul-Karim, li kien reġistratur tal-artijiet mill-irħula, kien miegħi wkoll. Huwa kien kemxejn quddiemi u jien kont qed nimxi ftit distanza warajh. Fit-triq, mara xiħa, fraġli, ta' bejn sebgħin u ħamsa u sebgħin sena ltaqgħet magħna. Hija tat ittra lil Abdul-Karim u qaltlu biex jaqrahielha, iżda huwa ċanfarha u ressaqha lil hinn. **Dan qasamli qalbi**. **Imbagħad, il-mara xiħa tat l-ittra lili. Jien ħadt l-ittra u waqaft. Wara, jiena qrajt l-ittra u fissirtilha l-kontenut tagħha fid-dettall.** B'dan, Abdul-Karim staħa ħafna, għaliex xorta kellu jistenna, u ġie mċaħħad mill-premju spiritwali wkoll." (*Malfużat* V.2, p.176-177)

# L-IMĠIBA EŻEMPLARI

Alla jitkellem fil-Koran Imqaddes dwar il-karattru tant nobbli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u jiddikjara: **"U inti żgur li għandek kwalitajiet morali għoljin."** (68:5)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jinkorpora fih il-kwalitajiet morali tajba kollha li wieħed jista' jkollu. Il-kwalitajiet morali għolja kollha huma minsuġa fin-natural tiegħu b'mod armonjuż u perfett.

Aysha[ra], il-mara tal-Profeta[sa] li kienet imżejna bit-talenti, meta darba staqsewha biex titħaddet dwar il-morali tal-Profeta[sa], qalet: "Huwa kellu l-kwalitajiet morali kollha li jissemmew fil-Koran Imqaddes li huma sinjali speċjali ta' qaddej ġenwin ta' Alla."

Għabdu-Allah bin Abi Awfa[ra] jirrakkonta:

"Il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih) ma kienx jiddejjaq jimxi mal-armla u l-fqir. Huwa kien dejjem ta' għajnuna għalihom it-tnejn." (*Musnad Darmi*)

Abu Sagħid al-Ħudri[ra] jirrakkonta:

"Il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih) kien jagħlef l-iġmla (huwa stess). Huwa kien jagħmel xogħlijiet tad-dar, isewwi ż-żraben, iraqqa' l-ilbies, jaħleb in-nagħaġ, jiekol flimkien mal-qaddej u jitħan (id-dqiq) miegħu meta dan jegħja. Huwa ma kienx jistħi jġorr ix-xirja mis-suq sa għand niesu. Huwa kien jieħu b'idejn l-għani u l-fqir, u kien ikun minn tal-ewwel li jsellem. Huwa ma kienx jiddejjaq jilqa' xi stedina, imqar biex jiekol xi tamar.

**Huwa kellu karattru ħelu u qalb tajba. L-imġiba tiegħu kienet mill-aħjar u kien dejjem b'wiċċ ferrieħi.** Huwa kien jitbissem, imma ma kienx jidħak jgħajjat. Lanqas ma kien ikun imqit meta kien ikun imdejjaq. Huwa kien umli, iżda ma kienx jintrema; kien ġeneruż, iżda mingħajr ħela. Kellu qalbu tajba u kien ħanin ma' kulħadd. Huwa qatt ma kien jiekol sa ma jasal biex jibda jitfewwaq. Huwa qatt ma midd idu b'xeħħa." (*Mixkat*)




Tasnim Ahmad | Shutterstock

# MARIJA[AS] FIL-KORAN IMQADDES

Il-Koran Imqaddes irriserva unur kbir u rispett lejn Marija, sat-tali punt kruċjali li Alla ddedikalha kapitlu sħiħ fil-Koran Imqaddes bit-titlu ***Sura Maryam*****. 'Maryam' huwa l-verżjoni Għarbija tal-isem 'Marija'.** L-Omm Imqaddsa hija msemmija 34 darba, f'kapitli differenti tal-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jgħid:

**U ftakar meta l-anġli qalu: "Marija, Alla tabilħaqq għażlek u saffiek; Huwa għażlek fuq in-nisa kollha taż-żmien."** (Il-Koran - 3:43)

**Ommu (omm Ġesù) kienet mara ġusta u sewwa.**
(Il-Koran - 5:76)

# MUDELL EŻEMPLARI

Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes tant jagħti rikonoxximent kbir lil Marija[as] li jippreżenta żewġ eżempji ta' mudelli eżemplari lill-kredenti Musulmani, kemm irġiel kif ukoll nisa. Dawn huma l-mara tal-Faragħuni u l-omm Marija[as] – omm Ġesù[as]. Il-Koran Imqaddes jistqarr:

> **"Lil dawk li jemmnu Alla jġib l-eżempju ta' mart il-Faragħun, meta qalet: 'Sidi (Alla)! Ibnili għandek dar fil-Ġenna; u eħlisni mill-Faragħun u minn għemilu, u eħlisni min-nies il-ħżiena.'**
>
> **U l-eżempju ta' Marija, bint Għimran, li ħarset is-safa ta' ġisimha, u Aħna nfaħna minn Ruħna fiha, u hija emmnet fi Kliem Sidha u fil-Kotba Tiegħu, u kienet mill-obbidjenti."** (Il-Koran - 66:12-13)

Marija[as], omm Ġesù[as], tirrappreżenta l-qaddejja u l-fidili onesti kollha ta' Alla, li tbiegħdu kompletament mid-dnub, u billi għamlu paċi ma' Alla, huma mbierka bl-ispirazzjoni Divina.

'Maryam' jew Marija huwa isem komuni ħafna qalb il-Musulmani u minħabba l-mogħdrija u sens ta' ġustizzja tagħha ħafna ġenituri jħobbu jsemmu lill-bniet tagħhom b'dan l-isem; saħansitra l-iskejjel u l-moskej jissemmew ukoll b'dan l-isem ta' 'Maryam'.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, enfasizza l-pożizzjoni glorifikata ta' Ommna Marija[as] fl-indirizz ewlieni tiegħu fis-26 ta' Settembru 2014 f'festin speċjali biex jinawgura l-Moskea Maryam (il-Moskea ta' Marija) f'Galway, l-Irlanda.

"Din il-moskea hawn fl-Irlanda nbniet ukoll għall-istess raġuni [biex tkattar il-paċi u l-ġustizzja vera f'kull livell tas-soċjetà]. Ġiet imsejħa *'Masjid Maryam'*. Maryam, jew Marija kif inhi magħrufa magħkom, hija meqjuma ħafna mill-Musulmani bħalma hi mill-Insara.

Fil-fatt, fil-Koran Imqaddes, Alla semma lil Marija[as] f'ħafna okkażjonijiet u enfasizza l-pożizzjoni rispettata tagħha. Marija[as] kien l-isem ta' dik il-mara safja u twajba li hi tant onorata fl-Iżlam li l-Koran qal li kull min jemmen tassew hu bħal Marija[as].


Tdemirboga |Shutterstock

Dan minħabba l-fatt li Marija[as] kellha relazzjoni speċjali ħafna ma' Alla u żammet il-virtù u l-kastità tagħha l-ħin kollu. Hija żviluppat rabta speċjali ta' mħabba ma' Alla, fejn Alla tħaddet direttament magħha u Hu Stess afferma s-sinċerità tagħha. Marija[as] kienet temmen fil-Kotba ta' Alla, kienet ġusta u kisbet post speċjali fejn għandha x'taqsam l-ubbidjenza tagħha m'Alla. Hija kienet ċertament mudell għal dawk kollha li jemmnu.

Il-pożizzjoni għolja tagħha hi riflessa mill-fatt li l-Koran jgħid li l-Musulmani ġenwini jridu jiżviluppaw il-kwalitajiet ta' Marija[as], u jekk jagħmlu dan mela huma jkunu dawk li qatt ma jikkawżaw dannu jew sofferenzi lil ħaddieħor. Kull Musulman Ahmadi għalhekk ifittex li jkollu ġo fih is-safa, in-nobbiltà u l-qdusija ta' Marija[as] nnifisha." (*ROR*, Diċembru 2014)

# IL-KUMPANIJA TAL-ĠUSTI

Il-Messija Mwiegħed[as] jiddikjara:

"Jissemma fil-Koran Imqaddes, li, wieħed li jippurifika lil ruħu jkun sab is-salvazzjoni [91:10].

Biex wieħed isaffi lil ruħu, irid ifittex il-kumpanija tal-ġusti, jew li wieħed jibni relazzjoni ma' dawk li huma twajba u devoti għandha ħafna benefiċċji.

Wieħed għandu jevita l-morali diżonorabbli bħall-falzità u ħwejjeġ simili, u jfittex id-direzzjoni mingħand xi ħadd li jkun diġà terraq minn din il-mogħdija.

Wieħed għandu jsewwi l-iżbalji tiegħu f'dan il-vjaġġ. Bħalma wieħed ma jistax itejjeb l-ortografija tiegħu mingħajr ma jinduna bl-iżbalji tiegħu, hekk ukoll il-morali ma jistgħu jiġu irranġati jekk wieħed ma jagħrafx l-iżbalji tiegħu.

**Il-bniedem huwa tip ta' kreatura li jibqa' fuq it-triq tas-sewwa biss jekk jissaffa l-ħin kollu matul il-vjaġġ, inkella jibqa' jiżbalja."**

(*Malfużat* V. 2, p. 177)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**